2025/690

7.4.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/690

tal-4 ta' April 2025

li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK [1].

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK, il-Kunsill jikkunsidra li l-miżuri restrittivi li jinsabu fiha jenħtieġ li jiġġeddu sat-13 ta' April 2026.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw żewġ persuni ddiżenjati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK jitneħħew,u li jenħtieġ li jiġu aġġornati l-entrati li jikkonċernaw 20 persuna.

(4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2011/235/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2011/235/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2, id-data "13 ta' April 2025" hija sostitwita b'dik tad-data "13 ta' April 2026".

(2) l-Anness huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' April 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

A. SZŁAPKA

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/235/PESK tat-12 ta' April 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran (ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2011/235/oj).

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK (“Lista ta’ persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikoli 1 u 2”) huwa emendat kif ġej:

(1) fil-lista intitolata “Persuni”, jitħassru l-entrati 68 (dwar RAMIN Mohammad-Ali) u 169 (dwar NILFRUSHAN Abbas Mortaza);

(2) fil-lista intitolata “Persuni”, l-entrati għall-20 persuna li ġejjin huma sostitwiti b’dan li ġej:

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“23.	PIR-ABASSI Abbas	Sess: raġel Funzjoni: Imħallef fil-Kumpless Ġudizzjarju ta’ Shahid Muftah; eks maġistrat ta’ awla kriminali, eks imħallef, il-Qorti Rivoluzzjonarja ta’ Tehran, il-fergħa 26.	Imħallef fil-Kumpless Ġudizzjarju ta’ Shahid Muftah. Eks maġistrat ta’ awla kriminali. Eks imħallef, il-Qorti Rivoluzzjonarja ta’ Tehran, il-fergħa 26. Huwa kien inkarigat bil-każijiet ta’ wara l-elezzjoni. Ħareġ sentenzi ta’ priġunerija fit-tul matul proċessi inġusti kontra attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u bosta pieni tal-mewt għal dimostranti.	12.4.2011
29.	BOZORGNIA Mostafa	Sess: raġel Funzjoni: Kap tas-sala 350 tal-Ħabs ta’ Evin	Kap tas-sala 350 tal-Ħabs ta’ Evin, magħruf bħala l-post ta’ priġunerija tal-priġunieri politiċi tar-reġim u magħruf għall-kundizzjonijiet ta’ detenzjoni partikolarment ħżiena tiegħu. F’diversi okkażjonijiet huwa uża vjolenza sproporzjonata fuq il-priġunieri.	12.4.2011
33.	ABBASZADEH- MESHKINI, Mahmoud	Sess: raġel	Membru tal-Parlament minn Frar 2020 sal-2024 u Kelliem tal-Kumitat tal-Parlament għas-Sigurtà Nazzjonali u l-Affarijiet Barranin li jkompli jappoġġa r-reġim Iranjan, inkluż billi jiġġustifika l-abbużi mwettqa mir-reġim kontra l-moviment ‘Nisa, Ħajja, Libertà’. Konsulent għall-Kunsill Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Iran (sal-2019). Eks segretarju tal-Kunsill Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem. Eks Gvernatur tal-Provinċja ta’ Ilam. Eks Direttur Politiku tal-Ministeru għall-Intern. Bħala Kap tal-Kumitat tal-Artikolu 10 tal-Liġi dwar Attivitajiet ta’ Partiti u Gruppi Politiċi, huwa kien jieħu ħsieb l-awtorizzazzjoni ta’ dimostrazzjonijiet u avvenimenti pubbliċi oħra u r-reġistrazzjoni ta’ partiti politiċi. Fl-2010, huwa ssospenda l-attivitajiet ta’ żewġ partiti politiċi riformisti marbuta ma’ Mir-Hossein Mousavi – l-Islamic Iran Participation Front u l-Islamic Revolution Mujahedeen Organisation. Mill-2009 ’l quddiem, ipprojbixxa b’mod konsistenti u kontinwu l-laqgħat kollha mhux governattivi, u b’hekk ċaħħad id-dritt kostituzzjonali għall-protesta u kkawża ħafna arresti ta’ dimostranti paċifiċi bi ksur tad-dritt għal-libertà ta’ assemblea. Fl-2009, huwa rrifjuta wkoll li joħroġ permess għal ċerimonja biex l-oppożizzjoni tibki t-telfa tan-nies maqtula fi protesti matul l-elezzjonijiet presidenzjali.	10.10.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
40.	HABIBI Mohammad Reza	Sess: raġel Funzjoni: Prim Imħallef ta' Isfahan, eks Avukat Ġenerali ta' Isfahan; eks Deputat Prosekutur ta' Isfahan; eks Kap tal-uffiċċju f'Yazd tal-Ministeru għall-Ġustizzja	Prim Imħallef ta' Isfahan, eks Avukat Ġenerali ta' Isfahan, eks Viċi Prosekutur ta' Isfahan u eks Kap tal-uffiċċju f'Yazd tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Fid-diversi rwoli tiegħu fil-ġudikaturi ta' Isfahan u Yazd, inkluż fir-rwol attwali tiegħu bħala Prim Imħallef ta' Isfahan, huwa ppartecipa direttament u huwa responsabbli għall-ksur tad-drittijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari d-dritt għal-libertà tal-kelma, id-dritt għall-protesta, id-dritt għall-ħajja u l-ksur tal-projbizzjoni fuq it-tortura. Mohammad Reza Habibi kellu wkoll rwol dirett fis-soppressjoni u l-ksur serju tad-dritt għall-protesta matul il-protesti fil-pajjiż kollu f'Jannar 2017 u Novembru 2019. Għalhekk, fir-rwol tiegħu bħala Prim Imħallef ta' Isfahan, huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	10.10.2011
46.	KAMALIAN Behrouz (magħruf ukoll bħala: Hackers Brain, Behrooz_Ice)	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 1983 Sess: raġel Funzjoni: Kap taċ-ċibergrupp 'Ashiyaneh'	Kap taċ-ċibergrupp 'Ashiyaneh' b'rabta mar-reġim Iranjan. 'Ashiyaneh' Digital Security, imwaqqfa minn Behrouz Kamalian hija responsabbli għal attakki ċibernetiċi intensivi kemm fuq opponenti u riformisti domestiċi kif ukoll istituzzjonijiet barranin. Il-ħidma tal-organizzazzjoni 'Ashiyaneh' ta' Kamalian għenet lir-reġim fir-repressjoni tal-oppożizzjoni, li kienet tinvolvi ħafna istanzi ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.	10.10.2011
48.	MAHSOULI Sadeq (magħruf ukoll bħala: MAHSULI, Sadeq)	Post tat-twelid: Oroumieh (Iran) Data tat-twelid: 1959/1960 Sess: raġel Funzjoni: Segretarju Ġenerali (u eks Deputat Segretarju Ġenerali) tal-Front Paydari (Front tal-Istabbiltà Iżlamika)	Segretarju Ġenerali tal-Front Paydari (Front tal-Istabbiltà Iżlamika) mill-2021 u Viċi Segretarju Ġenerali tal-Front Paydari qabel l-2021. Il-Front Paydari ilu żmien twil attiv fil-prattiki ta' manipulazzjoni tal-istat, fl-infiltrazzjoni tal-istituzzjonijiet u fl-indottrinazzjoni tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). Wara l-moviment Nisa, Ħajja, Libertà, varat f'Settembru 2022, il-Front Paydari, kellu rwol kritiku taħt it-tmexxija ta' Mahsouli biex jgħaddi l-liġijiet ħorox tal-ħiġab u tal-kastità. Mahsouli huwa eks konsulent tal-Eks President Mahmoud Ahmadinejad. Huwa wkoll eks membru tal-Kunsill ta' Espedjenza u eks Viċi Kap tal-Front ta' Perseveranza. Huwa kien Ministru għall-Benesseri u s-Sigurtà Soċjali bejn l-2009 u l-2011 u Ministru għall-Intern sa Awwissu 2009. Bħala Ministru għall-Intern, Mahsouli kellu awtorità fuq il-forzi tal-pulizija, l-aġenti tas-sigurtà tal-Ministeru għall-Intern, u l-aġenti pajżana kollha. Il-forzi taħt it-tmexxija tiegħu kienu responsabbli għall-attakki fuq id-dormitorji tal-Università ta' Tehran fl-14 ta' Ġunju 2009 u t-tortura tal-istudenti fil-kantina tal-Ministeru (il-livell ta' taħt l-art magħruf nru 4). Dimostranti oħrajn ġew abbużati b'mod sever fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni ta' Kahrizak, li kien operat mill-pulizija taħt il-kontroll ta' Mahsouli.	10.10.2011

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
54.	TAMADDON Morteza (magħruf ukoll bħala: TAMADON Morteza)	Post tat-twelid: Shahr Kord-Isfahan (Iran) Data tat-twelid: 1959 Sess: raġel Funzjoni: Membru tal-bord fl-Università għat-Teknoloġija Khajeh Nasireddin Tusi; eks Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà Pubblika provinċjali ta' Tehran. Eks Gvernatur Ġenerali tal-IRGC tal-Provinċja ta' Tehran.	Politiku assoċjat mill-qrib mal-eks President Iranjan Ahmadinejad. Membru tal-bord fl-Università għat-Teknoloġija Khajeh Nasireddin Tusi. Eks Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà Pubblika provinċjali ta' Tehran. Eks Gvernatur Ġenerali tal-IRGC tal-Provinċja ta' Tehran. Fil-kapaċità tiegħu bħala Gvernatur u Kap tal-Kunsill tas-Sigurtà Pubblika provinċjali ta' Tehran, kellu r-responsabbiltà ġenerali għall-attivitajiet kollha ta' repressjoni li saru mill-IRGC fil-Provinċja ta' Tehran, inkluż ir-repressjoni ta' protesti politiċi minn Ġunju 2009.	10.10.2011
57.	HAJMOHAM- MADI Aziz (magħruf ukoll bħala Aziz Hajmohammadi, Noorollah Azizmohammadi)	Post tat-twelid: Tehran (Iran) Data tat-twelid: 1948 Sess: raġel Funzjoni: Avukat f'Tehran mill-2020; eks imħallef fil-fergħa 71 tal-Qorti Kriminali tal-Provinċja ta' Tehran.	Avukat f'Tehran mill-2020. Eks imħallef fil-fergħa 71 tal-Qorti Kriminali tal-Provinċja ta' Tehran. Matul il-ħidma tiegħu fil-ġudikatura sa mill-1971, huwa kien involut f'diversi proċessi ta' dimostranti, inkluż dak ta' Abdol-Reza Ghanbari, għalliem arrestat f'Jannar 2010 u kkundannat għall-mewt għall-attivitajiet politiċi tiegħu. Huwa għandu rekord ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ħruġ ta' sentenzi inumani, pieni tal-mewt u sentenzi ta' ħabs għal priġunieri politiċi.	10.10.2011
58.	BAGHERI Mohammad-Bagher	Data tat-twelid: 1941 Sess: raġel Funzjoni: Viċi Kap tal-Ġudikatura għall-Affarijiet Internazzjonali u Segretarju tal-Persunal tad-Drittijiet tal-Bniedem	Fl-2019, Mohammad-Bagher Bagheri nħatar Viċi Kap tal-Ġudikatura għall-Affarijiet Internazzjonali u Segretarju tal-Persunal tad-Drittijiet tal-Bniedem, minflok Mohammad Javad Larijani f'din il-pożizzjoni b'digriet ta' Ebrahim Raisi. Huwa kien imħallef fil-Qorti Suprema bejn Diċembru 2015 u l-2019. Eks viċi president tal-amministrazzjoni ġudizzjarja tal-provinċja ta' South Khorasan, responsabbli għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Minbarra li f'Ġunju 2011 irrikonoxxa 140 eżekuzzjoni għal reati li jġorru l-piena tal-mewt bejn Marzu 2010 u Marzu 2011, huwa rrappurtat li twettqu approssimament 100 eżekuzzjoni oħra fl-istess perjodu u fl-istess provinċja ta' South Khorasan, mingħajr ma ġew infurmati l-familji jew l-avukati ta' dawk eżekutati. Għaldaqstant huwa kompliċi fi ksur gravi tad-dritt għal proċess ġust u kkontribwixxa għal għadd kbir ta' pieni tal-mewt.	10.10.2011

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/690/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
73.	FARHADI Ali	Sess: raġel Funzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni Penali tal-Gvern; eks Viċi Kap tal-Ispettorat tal-Affarijiet Legali u l-Ispezzjoni Pubblika tal-Ministeru għall-Ġustizzja ta' Tehran ekx prokuratur ta' Karaj	Fl-2024, Ali Farhadi nħatar mill-Ministru għall-Ġustizzja Iranjan bħala kap tal-Organizzazzjoni Penali tal-Gvern, li hija organizzazzjoni li ma għandhiex imparzjalità u li ma tirrispettax id-drittijiet taċ-ċittadini. Eks Viċi Kap tal-Ispettorat tal-Affarijiet Legali u l-Ispezzjoni Pubblika tal-Ministeru għall-Ġustizzja ta' Tehran. Eks prosekutur ta' Karaj. Responsabbli għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż prosekuzzjonijiet ta' proċessi fejn ingħatat il-piena tal-mewt. Kien hemm għadd kbir ta' eżekuzzjonijiet fir-reġjun ta' Karaj matul il-mandat tiegħu bħala prosekutur.	23.3.2012
79.	RASHIDI AGHDAM, Ali Ashraf	Sess: raġel Funzjoni: Viċi Direttur tal-Health, Correction and Education for Tehran Prisons (Saħħa, Korrezzjoni u Edukazzjoni għall-Ħabsijiet ta' Tehran; eks kap tal-Ħabs ta' Evin u l-Ħabs ta' Diesel Abad f'Kermanshah	Viċi Direttur tal-Health, Correction and Education for Tehran Prisons mill-2015. Eks kap tal-Ħabs ta' Evin (2012-2015) u l-Ħabs ta' Diesel Abad f'Kermanshah. Matul il-kariga tiegħu, il-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet iddeterjoraw u r-rapporti semmew trattament ħażin intensifikat tal-priġunieri. F'Ottubru 2012, disa' priġunieri nisa għamlu strajk tal-ġuħ fil-Ħabs ta' Evin bi protesta għall-ksur tad-drittijiet tagħhom u t-trattament vjolenti tagħhom mill-gwardjani tal-ħabs.	12.3.2013
107.	VAHIDI Ahmad وحیدی احمد	Post tat-twelid: Shiraz (Iran) Data tat-twelid: 27.7.1958 Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Pożizzjoni: Ministru għall-Intern Funzjoni: Membru tal-Kunsill ta' Espedjenza; eks Ministru għall-Intern	Ahmad Vahidi nħatar membru tal-Kunsill ta' Espedjenza għal mandat ta' ħames snin fit-22 ta' Settembru 2022. Huwa kien il-Ministru Iranjan għall-Intern mill-25 ta' Awwissu 2021 sal-2024. Bħali tali, kien responsabbli għal-Law Enforcement Forces tal-Iran (LEF). Matul il-mandat tiegħu, għadd bla preċedent ta' uffiċjali militari u ta' sigurtà nħatru gvernaturi provinċjali li għad għandhom rwoli ewlenin fil-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' kontroll tal-folol mill-forzi speċjali tal-pulizija, il-milizzja Basij u l-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). Ksur sfaċċat u serju tad-drittijiet tal-bniedem mil-LEF, bħal sparar indiskriminat b'munizzjon attiv fuq dimostranti paċifiċi, inkluż tfal, ġie ddokumentat b'mod mifrux minn mindu bdew il-protesti dwar il-mewt ta' Mahsa Amini f'nofs Settembru 2022. Aktar minn 70 dimostrant mietu u mijiet sfaw midruba serjament, inkluż tfal. Sa mill-bidu tad-dimostrazzjonijiet, il-forzi tal-pulizija ddetenew ukoll b'mod arbitrarju bosta difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti. Vahidi ppromwova wkoll pubblikament approċċ aħrax lejn persuni li jipparteċipaw fid-dimostrazzjonijiet. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
125.	MOHAMMADIAN Abbas-Ali محمديان عباس-على	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Kmandant tal-Pulizija ta' Greater Tehran; eks kap tal-Law Enforcement Forces (LEF) tal-Iran fil-provinċja ta' Alborz (Karaj)	Abbas-Ali Mohammadian ilu l-kmandant tal-pulizija ta' Greater Tehran minn Jannar 2023. Huwa l-eks kap tal-Law Enforcement Forces (LEF) tal-Iran fil-provinċja ta' Alborz (Karaj), kariga li kellu mill-2017 sal-2023. Alborz (Karaj) hija provinċja fejn ilhom iseħħu dimostrazzjonijiet kbar minn Settembru 2022 li ntlaqgħu bi vjolenza eċċessiva mill-pulizija. Il-forzi tas-sigurtà spiss sparaw direttament fuq dimostranti paċifiċi, u dan wassal għal ħafna mwiet, fosthom tfal. Bħala kmandant tal-pulizija ta' Greater Tehran, huwa responsabbli għall-implimentazzjoni ta' politiki li jiksru d-drittijiet tan-nisa. Bħala eks kap tal-LEF fil-provinċja ta' Alborz (Karaj) u l-kmandant attwali tal-pulizija ta' Greater Tehran, Abbas-Ali Mohammadian huwa għalhekk responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	14.11.2022
140.	MIRAHMADI Seyyed Majid مجيد سيد ميراحمدى	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Funzjoni: Kap tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali ta' Arbaeen; eks Viċi Ministru għall-Intern tal-Iran	Il-Brigadier Ġeneral Seyyed Majid Mirahmadi huwa l-kap tal-Kwartieri Ġenerali Ċentrali ta' Arbaeen - kariga tradizzjonalment okkupata minn membri tal-forzi tas-sigurtà. Kien il-Viċi Ministru tal-Iran għall-Intern sal-2024, responsabbli għas-sorveljanza tal-forzi tas-sigurtà u tal-pulizija tal-Iran, atturi li huma involuti fil-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Il-forzi tas-sigurtà u l-forzi tal-pulizija tal-Iran qed irażżnu l-protesti b'mod vjolenti, jisparaw direttament fuq id-dimostranti paċifiċi u jarrestaw b'mod arbitrarju lil persuni mingħajr ma jagħtu każ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, Mirahmadi jirreferi għall-protesti bħala rvellijiet li għandhom jintemmu, u jikkriminalizza u jhedded lil dawk li jipparteċipaw fi protesti paċifiċi. Huwa personalment qed jaħbi wkoll il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-forzi taħt l-awtorità tiegħu, pereżempju, billi jgħid li d-dimostranta ta' 16-il sena Nika Shakrami wettqet suwiċidju. Ir-rapporti jindikaw li huwa ferm probabbli li mietet f'idejn il-forzi tas-sigurtà. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
145.	KARIMI Mohsen محصن کریمی	Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Funzjoni: Konsulent Għoli għall-Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC); eks Kmandant tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) fil-provinċja ta' Markazi	Minn Mejju 2024, il-Brigadier Ġeneral Mohsen Karimi huwa l-Konsulent Għoli għall-Kmandant tal-Forzi tal-Art tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC). Huwa l-eks kmandant tal-IRGC fil-provinċja ta' Markazi, magħruf ukoll bħala l-Korp Ruhollah. Il-Korp Ruhollah huwa unità militari tal-IRGC bil-kwartieri ġenerali tiegħu jinsabu f'Arak u huwa responsabbli għall-kmand u l-kontroll tal-unitajiet kollha tal-IRGC u l-Basij li jinsabu fil-provinċja ta' Markazi. Huwa responsabbli għar-repressjoni vjolenti min-naħa tal-forzi tas-sigurtà tal-protesti fl-2022 li wasslet għall-mewt taż-żagħżugħ ta' 19-il sena Mehrshad Shahidi f'ċentru ta' detenzjoni tal-IRGC f'Arak. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	12.12.2022
177.	MOSTAFAVI Seyed Mojtaba سید مجتبی مصطفوی (magħruf ukoll bħala MORTAZAVI, Mojtaba; MOSTAF, Mojtaba)	Data tat-twelid: 2.4.1987 Post tat-twelid: Tehran, Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Karta tal-identità nazzjonali: Nru 0080467741 (Iran) Funzjoni: Membru tal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran; kofundatur u uffiċjal kap eżekuttiv (CEO) ta' Ravin Academy	Seyed Mojtaba Mostafavi huwa membru tal-Ministeru għall-Intelligence u s-Sigurtà (MOIS) tal-Iran, u kofundatur u uffiċjal kap eżekuttiv ta' Ravin Academy elenkata mill-UE, entità li tħarreġ individwi fiċ-ċibersigurtà u l-hacking, u tirrekluta minn fost dawn l-apprendisti għall-MOIS. Il-MOIS huwa involut b'mod estensiv fl-infiltrazzjoni ta' gruppi ta' oppożizzjoni interni, il-monitoraġġ ta' theddid domestiku u dissidenti espatrijati u l-arrest ta' spiji u dissidenti allegati. Għalhekk Seyed Mojtaba Mostafavi jġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
185.	NESARI Habibollah Jan حبیب الله جان نثاری	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Funzjoni: Kmandant tal-Università għat-Taħriġ tal-Uffiċjali tal-Pulizija Imam Hassan Mujtaba; eks viċi kmandant responsabbli mit-taħriġ u l-edukazzjoni tal-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF)	Il-Brigadier Ġeneral Habibollah Jan Nesari ilu l-kmandant tal-Università għat-at-Taħriġ tal-UffiċjaliTal-PulizijaImam Hassan Mujtaba mill-aħħar tal-2023. Huwa l-eks viċi kmandant responsabbli għat-taħriġ u l-edukazzjoni għal-Law Enforcement Forces of the Islamic Republic of Iran (LEF) elenkati mill-UE, pożizzjoni li kellu mill-2019 sal-2023. Bejn l-2016 u t-30 ta' Diċembru 2019, huwa serva bħala viċi kmandant tal-Unitajiet Speċjali tal-LEF. Fil-kapaċità tiegħu ta' viċi kmandant, huwa kien responsabbli għas-superviżjoni tal-forzi fl-użu ta' armi letali u mhux letali matul il-protesti fil-pajjiż kollu f'Novembru 2019, li rriżultaw fil-mewt ta' mijiet ta' dimostranti. Huwa nstab ħati ta' delitti kontra l-umanità mit-Tribunal Internazzjonali tal-Poplu dwar l-Atroċitajiet tal-Iran għar-rwol tiegħu fir-repressjoni tad-dimostranti fil-kapaċità tiegħu bħala viċi kmandant. Bħala parti mill-forzi tas-sigurtà, il-forzi tal-pulizija nstabu li fasslu u implimentaw pjan biex iwettqu delitti kontra l-umanità kif ukoll qtil, priġunerija, għajbien furzat, tortura u vjolenza sesswali sabiex irażżnu l-protesti u jaħbu d-delitti mwettqa matul il-protesti f'Novembru 2019. Bħala viċi kmandant responsabbli għat-taħriġ u l-edukazzjoni jew għal-LEF u bħala kmandant tal-Università għat-Taħriġ tal-Uffiċjali tal-Pulizija Imam Hassan Mujtaba, Nesari kien personalment responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mil-LEF. Il-LEF li hu ħarreġ, ħadu sehem fir-repressjoni vjolenti kontra d-dimostranti matul il-protesti li qamu f'Settembru 2022, inkluż permezz tal-użu letali ta' forza kontra dimostranti Iranjani. Għalhekk iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/690/oj

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
202.	SHARIF Ramezan شریف رمظان	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Funzjoni: Kap tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) Sacred Defense Documentation and Research Center ċ-(Ċentru tad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka tad-Difiża Sagra tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC); eks kelliem tal-IRGC	Ramezan Sharif ilu l-kap taċ-Ċentru tad-Dokumentazzjoni u r-Riċerka tad-Difiża Sagra tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC) minn Lulju 2024. Huwa eks kelliem tal-IRGC. L-IRGC kien involut sew fis-soppressjoni attiva u vjolenti tal-protesti fl-Iran fl-2022 u 2023 u għalhekk iġorr responsabbiltà għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fir-rwol tiegħu, Sharif qed jostor u jiskuża ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-IRGC. Għalhekk, Ramezan Sharif iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023
203.	JOMEIRI Fathollah فتح الله جمیری	Post tat-twelid: Iran Nazzjonalità: Iranjana Sess: raġel Grad: Brigadier Ġeneral Funzjoni: Kap tal-Organizzazzjoni tal-Protezzjoni tal-Intelligence tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC)/Unità tas-Sigurtà tal-IRGC	Il-Brigadier Ġeneral Fathollah Jomeiri huwa l-kap tal-Organizzazzjoni tal-Protezzjoni tal-Intelligence tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC), magħrufa wkoll bħala l-Unità tas-Sigurtà tal-IRGC. Din l-unità hija responsabbli għall-protezzjoni tal-infrastruttura vitali u żoni ewlenin tal-pajjiż, individwi importanti, bħall-VIPs tar-reġim, iżda fuq kollox għall-protezzjoni tar-reġim. L-IRGC kien involut sew fis-soppressjoni attiva u vjolenti tal-protesti fl-Iran fl-2022 u 2023 u għalhekk iġorr responsabbiltà għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem. Fir-rwol tiegħu, Jomeiri qed imexxi, jiffaċilita u jiskuża ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-IRGC. Għalhekk, Fathollah Jomeiri jġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	20.2.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
224.	NIKVARZ Mohsen محسن نیک ورز	Post tat-twelid: Iran Sess: raġel Nazzjonalità: Iranjana Funzjoni: Kap tal-Judicial Protection and Information Department of the Prosecutor's Office (id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ġudizzjarja u l-Informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur) fil-Provinċja ta' Kerman; eks Prosekutur Pubbliku ta' Sirjan	Mohsen Nikvarz ilu l-kap tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ġudizzjarja u l-Informazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Provinċja ta' Kerman minn Jannar 2024. Bħala l-Prosekutur Pubbliku ta' Sirjan, Mohsen Nikvarz kien responsabbli għal bosta arresti arbitrarji ta' avukati u żgura pieni tal-mewt f'Sirjan matul il-protesti tal-2019. Fl-2023, ġie promoss għal Kap taċ-Ċentru għall-Protezzjoni u l-Intelligence tal-Ġudikatura tal-provinċja ta' Kerman. Fil-kuntest tal-protesti li faqqgħu f'Settembru 2022, Nikvarz kien involut fil-każ ta' Maryam Arvin, fejn ħarrikha għall-attivitajiet tagħha bħala avukat tad-difiża għad-dimostranti. Wara l-arrest tagħha, li Nikvarz iġorr responsabbiltà personali għalih, Maryam Arvin ġiet ittorturata brutalment fil-ħabs. Għalhekk, Mohsen Nikvarz iġorr responsabbiltà għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran.	22.5.2023".